

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 958/2009

tal-14 ta' Ottubru 2009

li jstipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispozzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jstipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7e 9(1)(b) flimkien mal-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 61, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iz-zokkor prodott matul is-sena tas-suq u li jaqbeż il-kwota msemmija fl-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament jista' jiġi esportat biss fil-limitu kwantitattiv stipulat mill-Kummissjoni.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 274/2009 tat-2 ta' April 2009 li jstipula l-limitu kwantitattiv tal-esportazzjoni taz-zokkor u l-isoglukożju 'il barra mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2009/10 ⁽³⁾ jstipula l-limitu msemmija hawn fuq.

- (3) Il-kwantitajiet ta' zokkor koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni jaqbżu l-limitu kwantitattiv iffissat bir-Regolament (KE) Nru 274/2009. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit perċentwal ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet fil-5, 6, 7, 8 u 9 ta' Ottubru 2009. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni għaz-zokkor imressqa wara id-9 ta' Ottubru 2009 għaldaqstant ma għandhiex tintlaqa', u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun sospiż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu bejn id-5 u id-9 ta' Ottubru, għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 17,275689 %.
2. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li tressqu fit-12, 13, 14, 15 u s-16 ta' Ottubru 2009 huma b'dan irrifutati.
3. It-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota għandu jiġi sospiż għall-perjodu bejn id-19 ta' Ottubru 2009 u id-30 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 312M, 22.11.2008, p. 86.

⁽³⁾ ĠU L 91, 3.4.2009, p. 16.